# IL-KACCATUR

*Ta'* P.P. THEUMA

Tlaqna; kienu x'il-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar. Qsamna t-triq ewlenija tar-raħal u rħejnielha għal ta' l-Isqof. Biex tidħol f'dan ir-raba' trid tgħaddi minn sqaq kollu siġar tal-ħarrub, li wara l-ewwel xita kienu ħodor u jarmu n-nida. Kif qbadna l-mogħdija ltqajna ma' kaċċatur. "U x'rajt"? qallu sieħbi, "Żewġ daqquqiet u erba' summiniet", wieġeb, "ma ġewx għat-tir".

Minn mogħdija dejqa wasalna f'qatgħa għerja, imdawra b'siġar kbar tal-ħarrub tat-tin u tal-bajtar tax-xewk. 'L hemm xi bidwi jagħżaq jew jaqla' l-ħaxix; 'l isfel aktar, xi raħlija twaddab xi żrara lill-għabura għax se taqbżilha barra mill-ħajt.

Sibna d-dura tagħna, poġġejna fuq żewġ ġebliet imqegħdin apposta u t-tnejn intawlu għonqna biex naraw nilmħux xi rixa. "Xejn", qalli Benjamin, għax hekk kien jismu sieħbi. Dan raġel mibni b'saffejn, daqsxejn goff, b'żewġ mustaċċi mibrumin wirdiena u bil-kappell tal-Panama. Dan kien surmast fl-iskola tal-Gvern, issa bil-pensjoni minn żmien. Waqa' t-teatru u ma baqagħlu xejn ħlief il-kaċċa. Erħilu jitkellem fuqha u ma jispiċċa qatt. Isemmilek il-ħarruba, il-fergħa fejn qagħdet it-tajra; igħidlek x'kienet, jekk kuċċarda, russett, daqquqa jew kokka mingħajr qatt ma jfallilu, u, ħaġa tal-għaġeb, qatt ma jiġi b'xejn.

"Oqgħod baxx", għajjat, u jien għaddast rasi 'l isfel. Niżżel rasu, qagħad jistenna ftit, waħħal il-kanna ma' spalltu, ħa l-bogħod, u fetaħ in-nar. Kienet kuċċarda. Mat-tifqigħa waqgħet sobtu fl-art. "Qtiltha", għidtlu, u ħriġna niġru daqs sajjetta. It-tajra taret, meta kien jonqosha xi erba' passi. "Kif", għidtlu, "mela ma qtilthiex?" u qagħdet fuq l-aktar fergħa għolja ta' siġra tal-ħarrub. Minn fejn konna rajnieha ddawwar rasha 'l hawn u 'l hinn, b'dawk għajnejja jibru. Tlaqna, niġru għal warajha, reġa' rafa' u t-tajra waqgħet minxura fl-art. Mort niġri, ħtaftha mhux mingħajr ma girfitni żewġ girfiet li nibqa' niftakarhom; "Waħda ġewwa, tgħid noqtlu xi oħra?" qalli. "Issa naraw" Kienet newba tal-kaċċa,—il-passa tal-gamiem ta' Settembru. "Ma nafx", qalli, "kif għadha m'għaddietx qatgħa gamiem". Ma kien jonqsu xejn. Is-sema mgħotti bi sħab oħxon u iswed, sa tqattar ix-xita, riħ isfel, xi jrid iktar? "U araha ġejja waħda", qalli. Tawwalt għonqi 'l fejn qalli, imma ma stajt nara xejn.

Taraw li m'iniex tal-qatgħa u qatt ma ħriġt għall-kaċċa, imma bħal dak in-nhar qatt m'għamilt. Kont għadni ngħarrex l-orizzont u sieħbi ġa refa' u għal "tir" ta tnejn. Il-ħasda li nħsadt ma tinkitibx. Ma kontx ħsiebi hemm, hu ma qalli xejn u jien qgħadt nistenna l-gamiem xi mil bogħod. "Hemm ara fejnhom", qalli, u tassew, żewġ gamimiet, smien daqs żewġ bċieċen waqgħu ftit 'il bogħod minna.



Il-ħin beda jagħmel tiegħu. Ix-xemx il-jum kollu ftit u xejn dehret, bexxqet għall-aħħar darba l-istar tas-sħab iswed u għodsot. Bdiet ittenni l-*Ave Maria*. Ingħaqdu magħna erba' kaċċaturi oħra u tlaqna lejn id-dar. Kulħadd kien ferħan dak in-nhar għax kien għadda tassew gamiem u daħal. "Donnu ma beżax minna", qal wieħed.

Infridna fejn it-triqat jinfirdu. Jiena u sieħbi għaddejna minn taħt il-ġnien biex naslu d-dar. It-tajra mdendla f'idu, ġwenħajha mniżżlin 'l isfel, qisha ġganta tal-għasafar mingħajr saħħa, saqajha bħal ta' tiġieġa kienet iġġiblek għira. "X'daqsxejn stuffat għandek f'idek", qaltlu waħda. U hu ħallih jintefaħ u jitkabbar, b'dak il-kappell abjad tiegħu, bis-sidrija u l-qalżiet tal-fustan. Għalxejn ħafna nisa għajjurin għax ir-raġel tagħhom qatt ma ġibilhom biċċa kaċċa; qalulu minn kollox, lil ħadd ma ta widen. Ferħan se jtir qasam dawk il-ħafna nies għażżiena u baqa' sejjer dritt id-dar.

---

## SIĠRA TAL-ĦAWĦ

Ta' P. P. THEUMA

Ġurnata fost l-oħrajn fix-xahar ta' Ġunju
Ħriġt ħarġa u mort sal-ġnien fil-għodu kmieni
Li qed f'xaqliba mżerżqa għal xatt il-baħar
Ġo raħal jarmi l-ilma, kollu swieni.

Ix-xemx kemm kemm bdiet tfiġġ minn xfar il-baħar,
Is-sħab imnaqqax b'għadd ta' frak imdieheb,
In-nida fosos fosos fuq il-weraq
Maż-żiffa jiddi, jilma u jitbiegħed.

Oh x'dehra ħelwa li thennilek qalbek!
Hekk kif kont qiegħed b'siġar sbieħ imdawwar,
Kien hemm il-prun, għajnbaqar, bambinella,
Imħallta ma' kull frott li Alla sawwar.

'Ma l-isbaħ fost is-siġar tal-ġnien kollu
Il-ħawħa kienet tfuħ fix-xemx għodwija!
Ma nafx lil x'hiex inxebbah dak is-seħer,
Dik il-ħlewwa, wil-fwieħa saħħarija.

Sħajjiltha għarusa mżejna, fl-aqwa tagħħa,
Xebba fuq tagħħa mit-tfajliet Maltija
Sejra tiltaqa' ma' l-għarus ta' qalbha
B'għajnejha sbieħ, ħaddejha bellusija.